# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 67

Data tal-laqgħa: 8 ta' Frar, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Frar 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina |
| Assenti b'appoloġija | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**67/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**67/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech biex jiġi skużata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**67/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 65 u 66**

**67/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**6702/02** **Para 65/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret 3 stimi minħabba xogħol fuq il-kamra li tinsab biswit l-iskola. L-iktar stima vantaggjuża kienet ta' Sur Jesmond Aquilina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**67/02/03** **Para 65/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq il-bandli ta' Ġnien il-Paċi.

**67/02/04** **Para 65/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl ħareġ il-permess.

**67/02/05** **Para 65/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**67/02/06** **Para 65/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**67/02/07** **Para 65/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**67/02/08** **Para 65/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha ma saritx.

**67/02/09** **Para 65/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Bulletproof Fitness ġabu *sponsorship* mingħand il-McDonald's għal *open gym* fi Ġnien tal-Ponta fi Triq Għaxqet l-Għajn u li l-Perit applika għal permess.

**67/02/10** **Para 65/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Lands Authority ma sabitx oġġezzjoni biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju. L-Avukat ħejja l-kuntratt ta' subleasing u s-Segretarju Eżekuttiv bagħtitu lis-Sa. Catherine Fenech.

**67/02/11** **Para 65/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**67/02/12** **Para 65/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier minħabba li l-Kappillan ser jibda x-xogħol fuq iz-zuntier.

**67/02/13** **Para 65/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta terġa' toħroġ l-iskema ta' restawr nistgħu napplikaw għall-inkwadru tal-Għar San Brincat.

**67/02/14** **Para 65/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bin viċin ta' għalqa fi Triq Caravaggio weħel.

**67/02/15** **Para 65/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**67/02/16** **Para 65/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tipprova tiġbor stimi għar-*railing* għal madwar il-perimetru tal-pill box.

**67/02/17** **Para 65/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**67/02/18** **Para 65/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta rigward il-possibbiltà li jsiru traffic lights fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**67/02/19** **Para 65/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

**67/02/20** **Para 65/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella 'Slow' fi Triq Ferdinandu.

**67/02/21** **Para 65/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella li turi l-*speed limit* ħdejn il-Museum fi Triq Mons. L. Catania.

**67/02/22** **Para 65/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi u s-Sindku attendew għal laqgħa ma' SEM dwar fondi għal ġemellaġġ.

**67/02/23** **Para 65/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess sabiex il-bust ta' Guido Tanti jiġi f'Misraħ il-Knisja ħdejn numru 16.

**67/02/24** **Para 65/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

**67/02/25** **Para 65/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor stimi għal 3 notice boards (ta' ħdejn il-latrina, ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u ta' ħdejn il-grawnd ta' Xwieki).

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**67/02/26** **Para 65/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet kitbet lil Enemalta sabiex tiżdied bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**67/02/27** **Para 65/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ta' MC ma' arblu eżistenti fi Triq Stiefnu Zerafa saret.

**67/02/28** **Para 65/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġbir tal-iskart mit-Tnejn sal-Ġimgħa qed jinġabar fis-6:30pm, filwaqt li nhar ta' Sibt u l-ħġieġ qed jinġabar fl-10:00am. Is-Sur Christopher Fenech qal li ma għandniex naċċettaw li nhar ta' Sibt u l-ħġieġ jinġabar filgħodu iżda għalinqas fi 2:30pm. Għaldaqstant, għandna ngħidu ċar u tond lir-Reġjun li ma naqblux ma dawn il-ħinijiet. Is-Sur Abraham Aquilina qal li ħafna nies jippreferu li l-iskart jerġa' jibda jinġabar filgħodu. Is-Sur Aquilina qal li jekk l-kuntrattur ma jibdiex fi 9:00am nibagħtu ittra lid-D.G. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li hi taqbel li l-ġbir tal-iskart jerġa' jiġi filgħodu. Is-Sindku spjegat li din qed issir bi prova u jekk ma taħdimx il-ġbir tal-iskart jerġa' jiġi filgħodu. Kien hemm diskussjoni sħiħa fuq min iffirma l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja mar-Reġjun Lvant.

**67/02/29** **Para 65/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab f'kuntatt mal-Benna sabiex tiġi organizzata l-Festa tal-Ħalib nhar it-28 ta' Mejju 2023.

**67/02/30** **Para 65/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt l-attività tal-karnival ser jieħdu sehem il-Big Friends Guggen Musik, ser ikun hemm dawl dekorattiv, bouncy castle u cartoon characters.

**67/02/31** **Para 65/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sindku ltaqgħet mal-Ministru Dr Michael Falzon.

**67/02/32** **Para 65/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 4 tabelli qrib il-playing fields sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi.

**67/02/33** **Para 65/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tara jekk minn 1 MC bay nistgħux noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**67/02/34** **Para 65/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li parti minn sqaq fi Triq il-Ġnien ingħata l-konkos.

**67/02/35** **Para 65/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-istima (€794) mingħand Bertu Aquilina sabiex jiżbogħ il-ħajt ta' barra ta' Ġnien il-Paċi.

**67/02/36** **Para 65/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kenniesa qed inaddfu madwar il-bring in site.

**67/02/37** **Para 65/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bins tal-BCRS daqqa mimlija u daqqa le.

**67/02/38** **Para 65/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Charlie Mifsud tagħna parir biex inżommu s-siġar li hemm fir-roundabout ta' Triq San Ġwann.

**67/02/39** **Para 65/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li traffic lights ta' Triq il-Ġnien qed jaħdmu tajjeb.

**67/02/40** **Para 65/08/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċertu xogħol ta' ġonna u *soft areas* ħa jsir mis-Sur Charlie Mifsud u ċertu xogħol ħa jsir mis-Sur Joe Cuschieri. Kien hemm qbil unanimu.

**67/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**67/03/01** Is-Sindku qalet li l-inawgurazzjoni tal-bust ta' Superjur Gwido Tanti ħa ssir nhar is-Sibt, 19 t'Awwissu 2023.

**67/03/02** Is-Sindku resqet l-applikazzjoni għal Community Greening Grant (Project Green). Kien hemm qbil unanimu.

**67/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**67/04/01** Ma kienx hemm.

**67/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**67/05/01** Ġiet innutata ittra mingħand Dr Lydia Abela, mart il- Prim Ministru, bħala ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tagħna fl-inizjattiva Rigal bi mħabba.

**67/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Claire Farrugia mill-GreenPak – CSR event 2023 f'April/Mejju.

**67/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Espressjoni ta' Interess – Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi. Kien hemm qbil unanimu li nissottomettu applikazzjoni lill-Kunsill Reġjonali Lvant.

**67/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Ġbir ta' informazzjoni dwar attivitajiet.

**67/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ryan Zammit – Agreed Għargħur Waste Collection Times.

**67/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Jannar 2023).

**67/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Frar 2023).

**67/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn Project Green – appuntament nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar fis-2pm.

**67/05/09** Fuq it-talba ta' residenta biex Triq il-Ġnien minn *one-way* tiġi *two-way*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**67/05/10** Fuq it-talba ta' residenta sabiex fil-qalba ta' raħal jitpoġġew tabelli 'SLOW ELDERLY'. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**67/05/11** Ġiet innutata petizzjoni mir-residenti ta' Triq Fidiel Zarb, Triq Kromb il-Baħar u Triq San Ġorġ. Dawn ir-residenti qed jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-inkonvenjent gravi li qed jiffaċċjaw minħabba l-għeluq kontinwu tat-toroq li ħafna drabi jseħħu mingħajr ma jingħata avviż raġonevoli minn qabel. Barra minn hekk riedu jfakkru lill-membri attwali tal-Kunsill Lokali, li dan ma seħħx fil-passat, peress li kien hemm ftehim bejn il-Kunsill u r-residenti. Għaldaqstant qed jitolbu li l-ftehim preċedenti jiġi rispettat u li l-Kunsill preżenti jadotta l-istess arranġamenti li kienu ġew adottati minn membri tal-Kunsill Lokali tal-passat fl-interess tar-residenti. Kien hemm qbil unanimu li meta t-triq tkun ser tingħalaq ir-residenti għandhom jiġu notifikati minn tal-inqas 5 t'ijiem qabel u li jitħalla passaġġ adegwat biex ir-residenti jkunu jistgħu jimxu liberament 'il ġewwa u 'l barra mingħajr periklu. Il-bqija Kunsill Lokali tal-Għargħur dejjem mexa skont il-liġi.

**67/05/12** Fuq it-talba ta' resident biex ir-roundabout ta' Triq San Ġwann tiġi ġnien. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li t-triq hija triq prinċipali.

**67/05/13** Fuq it-talba ta' residenta biex nirranġaw parti minn bankina fi Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu.

**67/05/14** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta rigward ilment fuq it-trasport pubbliku.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**67/05/15** Fuq it-talba ta' residenta għal ftuħ ta' passaġġ pubbliku fi Triq tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu li ssir site visit.

**67/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal tabella ta' CCTV fi Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu.

**67/05/17** Fuq it-talba ta' resident għal kaxxa bajda fi Triq il-Ġdida. Kien hemm qbil unanimu li ssir site visit.

**67/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal manutenzjoni ta' Triq Fidiel Zarb. Ġie unanimament deċiż li ninfurmaw lil Infrastructure Malta.

**67/05/19** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir kaxxa bajda fi Triq Mons L. Catania. Kien hemm qbil unanimu li ssir site visit.

**67/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**67/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**67/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**67/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu 2023 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**